**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 9 ta` Ottubru 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 428/2018JZM**

**Dr Ann Fenech (K.I. numru 28763M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Heiwa Auto Co Ltd registrata gewwa l-Gappun**

***kontra***

**Dilja Car Imports Limited (C27025)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-4 ta` Mejju 2018 **bil-procediment sommarja specjali** u li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti Heiwa Auto Co. Ltd tbiegh il-karozzi u l-vetturi second hand, kif ukoll spare parts, lill-negozjanti u auto dealers madwar id-dinja.*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` intimata diversi konsenji ta` vetturi second hand.*

*3. Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici Heiwa Auto Co. Ltd is-somma komplessiva ta` hames miljun, sebgha mija u erbgha u sittin elf Yen Gappuniz (**JPY 5,764,000**) ekwivalenti skond ir-rata ta` kambju ta` llum, ghall-ammont ta` tlieta u erbghin elf, disgha mija u disgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (**€ 43,989.93**), salv imghaxxijiet, liema somma tirraprezentata il-bilanc pendenti bhala hlas tal-prezz dovut ghal diversi vetturi kif ukoll ghal xi spare parts li kollha gew ikkonsenjati lis-socjeta` intimata fuq inkarigu u struzzjonijiet taghha stess, hekk kif jirrizulta mill-anness rendikont tal-fatturi pendenti mmarkat **Dokument "A1"** u mill-kopji tal-fatturi relattivi (hawn annessi u mmarkati bhala **Dokumenti "A2"** sa **"A6".***

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjetajiet attrici fis-somma kumplessiva ta` hames miljun sebgha mija u erbgha u sittin elf Yen Gappuniz (**JPY 5,764,000**) ekwivalenti skond ir-rata ta` kambju tal-llum, ghall-ammont ta` tlieta u erbghin elf, disgha mija u disgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (**€ 43,989.93**).*

*5. Minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-fatturi msemmija fir-rendikont, anke permezz ta` ittra ufficjali 3779/2017 datata 12 ta` dicembru 2017, l-istess kumpanija intimata baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-kawza odjerna.*

*6. Illi l-imsemmi ammont kumplessiv ta` hames miljun sebgha mija u erbgha u sittin elf Yen Gappuniz (**JPY 5,764,000**) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tal-llum, ghall-ammont ta` tlieta u erbghin elf, disgha mija u disgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (**€ 43,989.93**), huwa dejn cert, likwidu u dovut, u li ma jikkonstitwix fl-ezekuzzjoni ta` xi fatt, mis-socjeta` intimata lill-kumpaniji rikorrenti.*

*7. Illi ghalhekk fil-fehema umli tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehema ta` l-istess socjetajiet rikorrenti, is-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammonti.*

*8. Illi r-rikorrenti nomine taf personalment li s-socjeta` attrici mm`ghandhiex l-ebda eccezzjoni valida x`jissoleva u taf lilha nnifisha bil-fatti kif fuq dikjarati.*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta` ntimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex :-*

*(i) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma globali ta` komplessiva ta` hames miljun sebgha mija u erbgha u sittin elf Yen Gappuniz (**JPY 5,764,000**) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tal-llum, ghal-ammont ta` tlieta u erbghin elf, disgha mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€ 43,989.93), oltre imghaxxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 629/2018 kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat l-Art 169 tal-Kap 12.

**Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Settembru 2018, senjatament fejn iddikjarat li l-kawza kienet sejra tipprocedi bil-procedura ordinarja u mhux aktar bil-procedura sommarja specjali.**

Rat illi l-kumpannija konvenuta la dehret ghall-udjenza tas-27 ta` Settembru 2018, u lanqas ipprezentat jew talbet li tipprezenta risposta guramentata.

Rat illi l-attrici noe ghalqet il-provi taghha fl-udjenza tas-27 ta` Settembru 2018.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attrici noe s-somma komplessiva ta` hames miljun sebgha mija u erbgha u sittin elf Yen Gappuniz (JPY 5,764,000) ekwivalenti ghall-ammont ta` erbgha u erbghin elf u tliet mitt ewro u tmienja u disghin centezmu (€44,300.98), skont ir-rata tal-kambju tat-8 ta` Ottubru 2018, li ghadha dik vigenti fil-hin li qed tinghata din is-sentenza llum, u dan oltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 629/2018.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**